

Brussell, 20 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14325/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0151(COD)

RECH 502
COMPET 756
EDUC 458

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14023/1/19	
Nru dok. Cion: 11228/19+ADD1	
Suġġett:	Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) <i>Approċċ ġenerali parzjali</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat, fuq il-bażi tal-Artikolu 173(3) TFUE, il-proposti tagħha għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u għad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021-2027, inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom¹. Fl-1 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ħarġet rettifika għall-valutazzjonijiet tal-impatt².
2. Pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-EIT ta' EUR 3 biljun (fi prezzijiet attwali) huwa previst fil-Programm Qafas li jmiss għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perijodu 2021-2027.

¹ 11227/19 + ADD 1-2, 11228/19 + ADD1-2

² 11227/19 ADD 2 REV 1 u 11228/19 ADD 2 REV 1

3. Peress li hemm pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-EIT fil-Programm Qafas Orizzont Ewropa u billi Orizzont Ewropa huwa marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), id-dispożizzjonijiet b'implikazzjonijiet baġitarji (l-Artikolu 23) huma f'parentesi kwadri (mhux parti mill-approċċ ġenerali parzjali). L-EIT huwa madankollu korp tal-Unjoni u mhux Programm tal-QFP.
4. Barra minn hekk, il-premessi mhumiex parti mill-approċċ ġenerali parzjali.
5. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-MPE Marisa MATIAS (GUE-NGL) bħala relatur dwar ir-Regolament tal-EIT. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Parlament Ewropew għadu ma vvutax fuq il-fajl. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Ottubru 2019³. Fit-18 ta' Settembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li l-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat ukoll dwar ir-Regolament tal-EIT⁴. Dan għadu ma tax l-opinjoni tiegħu.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. F'Lulju 2019, il-Presidenza Finlandiża nediet id-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka. Matul Lulju u Awwissu, il-Presidenza ġabret kemm kummenti bil-miktub ġenerali kif ukoll speċifiċi dwar il-proposta mid-delegazzjonijiet.
7. Matul l-istess perijodu, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qies ukoll il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, id-delegazzjonijiet irrikonoxxew li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ma kellha l-ebda ommissjoni jew żball fattwali kbir. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma pproċeda bl-eżami tal-proposti⁵.
8. Abbażi tal-kummenti miġbura matul Lulju u Awwissu, il-Presidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma fis-16 ta' Settembru 2019 l-ewwel test ta' kompromess dwar l-abbozz ta' Regolament tal-EIT. Mil-laqgħa tiegħu 'l hawn, il-Grupp ta' Ħidma eżamina b'mod intensiv it-testi ta' kompromess kontinwament aġġornati tal-Presidenza.

³ 14042/19 (l-opinjoni tkopri kemm ir-Regolament tal-EIT kif ukoll l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni)

⁴ 12017/19

⁵ 12193/19

9. Barra minn hekk, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-14 ta' Ottubru 2019, il-Presidenza ppreżentat l-ewwel test ta' kompromess dwar l-anness għall-abbozz ta' Regolament tal-EIT li jistabbilixxi l-istatuti tal-EIT.
10. Matul id-diskussjonijiet intensivi fil-Grupp ta' Ħidma, ġew introdotti xi bidliet importanti għall-proposta tal-Kummissjoni. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari t-tneħħija tan-newtralità taż-żmien tar-Regolament tal-EIT, ir-rwol tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-governanza tal-EIT, l-attitudni miftuħa tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-EIT lejn sħab potenzjali ġodda u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-EIT u tal-KKI,
11. Il-Kummissjoni pproponiet li jiġi emendat ir-Regolament tal-EIT permezz tat-teknika leġislattiva ta' riformulazzjoni, filwaqt li indikat li dan jiżgura aktar ċarezza legali u leġġibilità aħjar, u ma jorbtux maż-żmien⁶. Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, deher madankollu ċar li n-newtralità taż-żmien ma tkunx aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Xi Stati Membri riedu jżidu fir-Regolament tal-EIT referenzi simili għan-newtralità taż-żmien kif huma pproponew għal ċerti Programmi tal-QFP. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Istati Membri, it-teknika ta' riformulazzjoni waqqfithom milli jagħmlu l-bidliet li huma kkunsidraw meħtieġa, relatati pereżempju mar-rabtiet mal-Programm Qafas Orizzont Ewropa u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar is-Sħubijiet Ewropej. Għalhekk, il-Presidenza pproponiet modifiki fit-test biex twieġeb għat-tħassib tal-Istati Membri.

⁶ In-newtralità taż-żmien timplika li r-Regolament tal-EIT ma jkunx hemm aktar bżonn li jiġi adattat f'ċikli sussegwenti tal-QFP.

12. Ir-rwol tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-governanza tal-EIT issaħħaħ kemm fir-Regolament tal-EIT kif ukoll fl-Anness tiegħu, l-istatuti tal-EIT. Il-Bord tat-Tmexxija tal-EIT ser iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-missjoni u l-oġettivi tal-EIT. Barra minn hekk, ċerti deċiżjonijiet importanti tal-Bord tat-Tmexxija ser jeħtieġu l-qbil tal-Kummissjoni. Grupp tar-Rappreżentanti ta' Stat Membru ser jagħti parir lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur tal-EIT dwar kwistjonijiet strateġikament importanti. Il-kompiti ta' dan il-grupp żdiedu f'taqsimi separata fl-istatuti.
13. Issaħħet ukoll l-attitudni miftuħa tal-KKI tal-EIT lejn sħab potenzjali ġodda. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jintroduċi ħafna bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-KKI jsiru aktar miftuħa u trasparenti. It-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni b'mod miftuħ u trasparenti żdied bħala aspett importanti tal-missjoni u l-oġettivi tal-EIT.
14. Dispożizzjonijiet ġodda jsaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attitudni miftuħa kif ukoll is-sostenibbiltà finanzjarja u l-kosteffiċjenza tal-KKI. Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza tintroduċi monitoraġġ aktar sod u sistematiku, b'enfasi fost l-oħrajn, fuq il-progress lejn is-sostenibbiltà finanzjarja u lejn kopertura u attitudni miftuħa pan-Ewropej. Il-monitoraġġ ser jappoġġa lill-Bord tat-Tmexxija tal-EIT fit-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar miżuri korrettivi li għandhom jiġu adottati fil-każ li l-KKI jkollhom prestazzjoni dgħajfa, jagħtu riżultati inadegwati jew ma jkollhomx valur miżjud Ewropew.
15. It-testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' Regolament tal-EIT u l-istatuti tal-EIT ġew eżaminati fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fl-4, is-7, it-8, u l-11 ta' Novembru 2019. Abbażi tad-diskussjonijiet, il-Presidenza introduciat aktar bidliet fit-test sabiex tħejji t-test ta' kompromess għall-Coreper.

16. Fl-20 ta' Novembru 2019, il-Coreper iddiskuta l-kwistjonijiet ewlenin pendenti ippreżentati fit-test ta' kompromess tal-Presidenza.
17. Id-delegazzjoni Portugiża u dik Slovena ppreżentaw proposta konġunta dwar l-Artikoli 2(8), 7(2) u 19 tat-test. Skont dawn id-delegazzjonijiet, il-proposti tagħhom jindirizzaw it-tħassib li fadal dwar l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali u r-rwol tagħha fit-trawwim ta' appoġġ biex jiġu attirati u jiġu integrati sħab ġodda fil-KKI, kopertura pan-Ewropea tal-KKI u t-tisħiħ tar-rwol ta' proċess ta' koordinazzjoni strateġika fit-tiswir tax-xenarju ta' sħubija Ewropea. Il-proposta dwar l-Artikolu 2(8) irċeviet appoġġ wiesa' fil-Coreper u l-Presidenza qablet li tiġi introdotta fit-test anness. Skont il-Presidenza, il-modifika proposta fl-Artikolu 7 (il-kopertura tal-EIT) dehret problematika għal ħafna Stati Membri u l-modifika proposta fl-Artikolu 19 (ir-rabta mal-Forum ta' sħubiji ta' Orizzont Ewropa) ma tkunx konformi ma' Orizzont Ewropa u l-proċess ta' ppjanar strateġiku tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' sħubijiet istituzzjonalizzati Ewropej oħra. Madankollu, din tista' tiġi riflessa fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni li dwarha ser ikomplu għaddejjin id-diskussjonijiet. Il-Presidenza għalhekk ikkonkludiet li bidliet oħra minbarra dik fl-Artikolu 2(8) ma setgħux jiġu introdotti fit-test.
18. Il-kwistjoni tan-newtralità taż-żmien baqgħet l-unika kwistjoni ewlenija pendenti u ser tiġi elaborata aktar 'l isfel fil-Kapitolu III.

III. KWISTJONI EWLENIJA PENDENTI

19. In-newtralità taż-żmien tar-Regolament tal-EIT⁷: Fil-Coreper, il-Presidenza spjegat li prattikament neħħiet in-newtralità taż-żmien tar-Regolament tal-EIT billi għamlet referenza għall-perijodu baġitarju 2021-2027 fl-Artikoli 3 u 20 tal-proposta ta' kompromess tagħha, kif ukoll irreferiet għal Orizzont Ewropa fil-kuntest tal-approċċ ta' sħubija. Għall-Presidenza, dan kellu jindirizza t-tħassib tal-Istati Membri.
20. Madankollu deher ċar li l-bidliet imsemmija hawn fuq introdotti mill-Presidenza ma kinux biżżejjed għal xi Stati Membri. Bidla ssuġġerita mid-delegazzjoni Ġermaniża fl-Artikolu 27 biex tabolixxi n-newtralità taż-żmien billi jiġi introdott perijodu ċar għall-applikabbiltà tar-Regolament tal-EIT irċeviet appoġġ wiesa'. Din il-bidla tkun timplika li r-Regolament tal-EIT ma jibqax applikabbli wara l-2027.
21. Il-Presidenza pproponiet li tibdel ir-referenzi kollha għall-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni f'referenzi għal Orizzont Ewropa u indikat li ser tirrifletti fuq l-introduzzjoni ta' klawżola ta' rieżami fir-Regolament, li tenfasizza l-ħtieġa għal reviżjoni estensiva u bir-reqqa tar-Regolament qabel il-QFP li jmiss, sabiex jiġu indirizzati t-tħassib tal-Istati Membri dwar il-kwistjoni tan-newtralità taż-żmien.
22. Il-bidliet imsemmija hawn fuq fil-paragrafi 17 u 21 jistgħu jinsabu fl-Artikoli 2(2), 2(7), 2(8), 3, 4(1), 4(2), 6, 8, 9(1), 9(2), 10, 11(2), 16(1a), 18(2), 19(2), 20(1) u 22(2) tal-Anness. Meta mqabbla mat-test ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentat lill-Coreper⁸, dawn il-bidliet huma indikati fl-anness b'tipa grassa ssottolinjata għat-test il-ġdid u b'[...] għat-test imħassar.
23. Wara d-diskussjoni, il-Coreper iddeċieda li jibgħat it-test fl-anness lill-Kunsill (Kompetittività) għal-laqgħa tiegħu tat-28-29 ta' Novembru 2019, bil-bidliet maqbula kif indikat fl-anness u bil-kwistjoni ewlenija pendenti kif indikat hawn fuq fil-Kapitolu III.

⁷ AT, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, LV, LT, MT, PL, PT, SI, SK: skrutinju marbut man-newtralità taż-żmien tar-Regolament tal-EIT.

⁸ 14023/1/2019 REV1.

24. L-Awstrija ħabbret li ser tippreżenta dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 2(8) (definizzjoni tal-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali).
25. Il-Kummissjoni tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar il-proposta ta' compromess kollha kemm hi.

IV. **KONKLUŻJONI**

26. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta l-approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fl-anness għal din in-nota.
-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni¹⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁹ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹⁰ ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 1

Suġġett

1. Huwa b'dan stabbilit Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("EIT").

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "innovazzjoni" tfisser il-proċess, inkluż l-eżitu tiegħu, li permezz tiegħu ideat ġodda jwieġbu għad-domanda u l-ħtiġijiet soċjali, ambjentali jew ekonomiċi u jiġġeneraw prodotti, proċessi, servizzi jew mudelli kummerċjali jew organizzattivi ġodda li jiddaħħlu b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħolqu swieq ġodda u li jipprovdu valur lis-soċjetà;
- (2) "Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni" (KKI) tfisser sħubija Ewropea fuq skala kbira kif imsemmi [...] **f'Orizzont Ewropa**, ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet konċernati oħra fil-proċess tal-innovazzjoni fil-forma ta' netwerk strateġiku, irrISPettivament mill-forma ġuridika preċiża tagħha, ibbażata fuq ippjanar konġunt tal-innovazzjoni għal perijodu medju u fit-tul biex jingħelbu l-isfidi tal-EIT u jingħata kontribut ħalli jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti [...] **taħt Orizzont Ewropa**;
- (3) "organizzazzjoni sieħba" tfisser entità ġuridika li hija membru ta' KKI u li tista' tinkludi, b'mod partikolari, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji pubbliċi jew privati, istituzzjonijiet finanzjarji, awtoritajiet reġjonali u lokali, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

- (4) "organizzazzjoni tar-riċerka" tfisser entità ġuridika pubblika jew privata li fost l-oġġettivi ewlenin tagħha twettaq żvilupp tar-riċerka jew teknoloġiku;
- (5) "istituzzjoni tal-edukazzjoni oġġla" tfisser università jew xi tip ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni oġġla li, skont il-leġislazzjoni jew il-prassi nazzjonali, joffru lawrji u diplomi b'mod partikolari fil-livell ta' masters jew dottorat, irrISPettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali;
- (6) "Komunità tal-EIT" tfisser l-EIT u l-komunità attiva tal-individwi u l-entitajiet ġuridiċi kollha li bbenefikaw jew jibbenefikaw mill-appoġġ jew il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT;
- (7) "L-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni" ("ASI") tfisser att li jstipula l-oqsma ta' prijorità u l-istrateġija tal-EIT għall-inizjattivi futuri, il-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aqwa valur miżjud, oġġettivi, azzjonijiet ewlenin tal-innovazzjoni, il-mod ta' kif taħdem, ir-riżultati mistennija u r-riżorsi meħtieġa li jkopru [...] **Orizzont Ewropa** u l-QFP;
- (8) "Skema ta' Innovazzjoni Reġjonali" ("SIR") tfisser skema li trawwem l-integrazzjoni tat-triangolu tal-ġharfien u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-pajjiżi, **b'mod partikolari billi tattira u tintegra sħab ġodda fil-KKI**;
- (8a) "Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri" tfisser grupp ta' rappreżentanti mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati li huwa infurmat bil-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet, b'mod partikolari dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, tal-EIT u l-KKI u jaġġtihom parir dwar kwistjonijiet strateġikament importanti, u jaqsam l-esperjenza magħhom.
- (9) "Forum tal-Partijiet Konċernati" tfisser pjattaforma miftuħa għar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, entitajiet individwali jew ta' interess organizzat mid-dinja tan-negozju, tal-edukazzjoni oġġla, tar-riċerka, assoċjazzjonijiet, is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet raggruppati, kif ukoll partijiet konċernati oħra min-naħa tat-trianglu tal-ġharfien;

- (10) "Pjan ta' negozju tal-KKI" tfisser dokument li jiddeskrivi l-objettivi, il-modi kif dawn jinkisbu u r-riżultati mistennija tal-KKI għall-perijodu rilevanti, kif ukoll l-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI ppjanati u l-ħtiġijiet u r-riżorsi finanzjarji relatati u huwa anness mal-ftehim ta' għotja;
- (11) "Attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI" tfisser attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet sħab skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-KKI, li jkunu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tat-trianglu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-attivitajiet tal-istabbiliment, tal-amministrazzjoni u tal-koordinazzjoni tal-KKI, u li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-EIT;
- (12) "memorandum ta' kooperazzjoni" tfisser ftehim bejn l-EIT u KKI, mingħajr ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-EIT, bil-għan li KKI tinżamm bħala membru attiv tal-Komunità tal-EIT wara d-data tat-tmiem tal-ftehim qafas ta' sħubija, u li [...] jinkludi l-kondizzjonijiet għall-aċċess għal sejħiet kompetittivi għall-EIT għal xi attivitajiet speċifiċi;
- (13) "sostenibbiltà finanzjarja" tfisser kapaċità ta' KKI li tiffinanzja l-attivitajiet tat-trianglu tal-għarfien tagħha indipendentement mill-kontribuzzjonijiet mill-EIT.

Artikolu 3

Missjoni u objettivi¹¹

Il-missjoni tal-EIT hi li jikkontribwixxi għal tkabbir u kompetittività ekonomika sostenibbli fl-Unjoni bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri kollha u l-Unjoni ħalli jingħelbu l-isfidi l-kbar li għandha s-soċjetà . Dan għandu jagħmlu billi jippromwovi sinerġiji, integrazzjoni u kooperazzjoni qalb l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla livelli, inkluż billi jrawwem l-intraprenditorija, u b'hekk isahha l-ekosistemi tal-innovazzjoni b'mod miftuħ u trasparenti.

Għall-perijodu baġitarju tal-2021-2027, l-EIT għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi [...] **ta' Orizzont Ewropa** billi jqis b'mod sħiħ l-ippjanar strateġiku.

Artikolu 4

ASI¹²

1. L-ASI għandha tiddefinixxi l-oqsma prijoritarji u l-istrateġija għall-EIT għall-perijodu ta' seba' snin ikkonċernat, skont l-objettivi u l-prijoritajiet [...] **ta' Orizzont Ewropa**, u għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tagħha u l-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aqwa valur miżjud tal-innovazzjoni. L-ASI għandha tkun allinjata mar-rappurtar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u rekwiżiti oħra [...] **ta' Orizzont Ewropa** u għandha tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-EIT kif imsemmi fl-Artikolu 19.

¹¹ BG, EE, SI: skrutinju

¹² FR, SI: skrutinju

2. L-ASI għandha tqis l-ippjanar strateġiku [...] **ta' Orizzont Ewropa** filwaqt li tiżgura l-koerenza mal-isfidi ta' dak il-programm, kif ukoll il-komplementarjetà mal-KEI stabbilita taħt Orizzont Ewropa, u għandha tistabbilixxi u trawwem sinerġiji u komplementarjetajiet adatti bejn l-attivitajiet tal-EIT u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, l-industrija sostenibbli u kompetittiva, l-intraprenditorija, u l-iżvilupp reġjonali.
3. L-ASI għandha tinkludi stima tal-ħtiġijiet u s-sorsi finanzjarji bil-ħsieb tal-operat futur, u l-iżvilupp u l-finanzjament fit-tul tal-EIT. Għandha tinkludi wkoll pjan finanzjarju indikattiv li jkopri l-perijodu tal-QFP rispettiv.
4. L-EIT għandu jippreżenta l-kontribut tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI.
5. Filwaqt li jaġixxu fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw l-ASI skont l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Governanza tal-EIT¹³

1. Il-korpi tal-EIT għandhom ikunu:
 - (a) Bord tat-Tmexxija magħmul minn membri ta' livell għoli esperjenzati fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u n-negozju. Dan għandu jkun responsabbli mit-tmexxija tal-attivitajiet tal-EIT, mill-għażla, il-ħatra, il-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-KKI, u mid-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħra kollha;

¹³ HU: skrutinju

- (b) Kumitat Eżekuttiv magħmul minn membri magħżula u mill-President tal-Bord tat-Tmexxija. Dan għandu jassisti lill-Bord tat-Tmexxija fit-twettiq ta' dmirijietu u jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija b'kooperazzjoni mad-Direttur;
 - (c) Direttur, maħtur mill-Bord tat-Tmexxija, li għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-EIT u responsabbli mill-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, l-operazzjonijiet tal-EIT u l-ġestjoni ta' kuljum;
 - (d) Funzjoni ta' Awditjar Intern, li taħdem b'indipendenza sħiħa u f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti, li għandha tagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar l-istrutturi finanzjarji u amministrattivi tal-ġestjoni u l-kontroll fi ħdan l-EIT, dwar l-organizzazzjoni tar-rabtiet finanzjarji mal-KKI u dwar kull suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.
- 1a. Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u pajjiż assoċjat. Għandu jagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar kwistjonijiet strateġikament importanti.
 - 2. Id-dispożizzjonijiet dettaljati rigward il-governanza tal-EIT huma stipulati fl-Istatuti tal-EIT, mehmuża ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

II-kompiti

Sabiex iwettaq il-missjoni u jilħaq l-oġġettivi tiegħu, l-EIT għandu b'mod partikolari:

- (a) jidentifika, skont l-ASI, il-prijoritajiet u l-attivitajiet ewlenin tiegħu, u jimplimentahom skont ir-regoli u d-dispożizzjonijiet applikabbli [...] **ta' Orizzont Ewropa**;
- (b) jiżgura attitudni miftuħa lejn u jżid l-għarfien fost organizzazzjonijiet sħab ġodda potenzjali u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tiegħu fl-Unjoni, inkluż permezz tal-SIR, billi jibni fuq networks u strutturi ta' informazzjoni eżistenti;
- (c) jagħżel u jaħtar KKI fl-oqsma prijoritarji skont l-Artikolu 9 u jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bi ftehimiet qafas ta' sħubija u ftehimiet ta' għotja, jissorveljahom u jipprovdihom l-appoġġ meħtieġ u gwida strateġika, b'miżuri xierqa tal-kontroll tal-kwalità, jissorvelja mill-qrib u jevalwa fuq bażi annwali u perjodikament l-attivitajiet tagħhom, u jieħu miżuri korrettivi meta xieraq;
- (d) jiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni u jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni tematika bejn il-KKI u jgħid sejħiet għal attivitajiet u servizzi konġunti fost il-KKI;
- (e) isaħħaħ il-promozzjoni barra mill-Komunità tal-EIT ta' lawrji u diplomi bit-tikketta tal-EIT li jkunu taw l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla parteċipanti, u jestendihom għall-programmi ta' taġlim tul il-ħajja;
- (f) jippromwovi t-tixrid tal-aħjar prattika għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, inkluż fost il-KKI u fl-Unjoni kollha fost l-oħrajn permezz tal-Skema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-EIT, sabiex tiġi żviluppata kultura komuni ta' trasferiment tal-innovazzjoni u tal-għarfien;

- (g) irawwem l-eċċellenza fl-edukazzjoni ogħla, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, b'mod partikolari billi jippromwovi l-KKI bħala sħab eċċellenti tal-innovazzjoni;
- (h) jippromwovi approċċi multidixxiplinari għall-innovazzjoni, inkluż l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, soċjali u mhux teknoloġiċi, approċċi organizzattivi u mudelli ġodda tan-negozju;
- (i) jiżgura l-komplimentarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet tal-EIT u programmi oħra tal-Unjoni, fejn xieraq;
- (j) jorganizza laqgħat regolari ta' Forum tal-Partijiet Konċernati biex jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet tal-EIT, l-esperjenzi tiegħu, l-aqwa prassi u l-kontribut għall-politiki u l-oġettivi tal-innovazzjoni, tar-riċerka u tal-edukazzjoni tal-Unjoni, kif ukoll politika u oġettivi oħrajn tal-Unjoni meta rilevanti, u biex il-partijiet konċernati jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom;
- (k) tal-inqas darbtejn fis-sena jorganizza laqgħat ta' Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Membri, indipendentement mil-laqgħat tal-Forum tal-Partijiet Konċernati. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jiffaċilita wkoll sinerġiji u komplementarjetajiet xierqa bejn l-attivitajiet tal-EIT u l-KKI u programmi u inizjattivi nazzjonali, inkluż il-kofinanzjament nazzjonali potenzjali tal-attivitajiet tal-KKI;
- (l) ifassal u jikkoordina azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa mill-KKI għall-iżvilupp tal-kapaċità intraprenditorjali u tal-innovazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni.

Artikolu 7

KKI

1. Il-KKI għandhom iwettqu b'mod partikolari:

- (a) attivitajiet ta' innovazzjoni u investimenti b'valur miżjud Ewropew, inkluż il-faċilitazzjoni tal-ħolqien ta' negozji ġodda innovattivi u l-iżvilupp ta' negozji innovattivi b'komplementarjetà mal-KEI u InvestEU, li jintegraw għalkollox id-dimensjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u tar-riċerka ħalli jiksbu massa kritika u jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati;
- (b) riċerka, esperimentazzjoni, ħolqien ta' prototipi u dimostrazzjoni mmexxijin mill-innovazzjoni f'oqsma ta' interess ekonomiku, ambjentali u soċjetali ewlieni u bbażati fuq ir-riżultati tar-riċerka tal-Unjoni u nazzjonali, bil-potenzjal li jsaħħu l-kompetittività tal-Unjoni fil-livell internazzjonali u jsibu soluzzjonijiet għall-isfidi l-kbar li għandha s-soċjetà Ewropea;
- (c) attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod partikolari fil-livelli ta' masters u dottorat, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ professjonali f'oqsma bil-potenzjal li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi Ewropej futuri u li jwessgħu l-bażi tat-talent tal-Unjoni, jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet relatati mal-innovazzjoni, it-titjib tal-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali u l-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-istudenti, u jrawmu l-qsim tal-għarfien, il-mentoring u n-networking fost dawk li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ tal-EIT, inkluż dawk bit-tikketa tal-EIT;
- (d) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u d-disseminazzjoni tal-aqwa prassi fil-qasam tal-innovazzjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u n-negozju, inkluż is-setturi finanzjarji u dawk tas-servizzi;

- (e) it-tfittxija ta' sinerġiji u komplimentarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-KKI u l-programmi Ewropej, nazzjonali u reġjonali eżistenti, u l-kooperazzjoni ma' Sħubijiet Ewropej oħrajn fejn xieraq;
 - (f) il-mobilizzazzjoni ta' fondi minn sorsi pubbliċi u privati. B'mod partikolari għandhom ifittxu li jgħaqqad proporzjon dejjem akbar mill-baġit tagħhom minn sorsi privati u minn dħul ġenerat mill-attivitajiet tagħhom stess, skont l-Artikolu 17.
2. Mingħajr preġudizzju għall-ftehimiet qafas ta' sħubija u l-ftehimiet ta' għotja bejn l-EIT u l-KKI, il-KKI għandu jkollhom awtonomija sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni interna tagħhom, kif ukoll l-aġenda u l-metodi ta' ħidma tagħhom, sakemm dawn jirriżultaw fi progress lejn il-kisba tal-oġettivi tal-KKI u l-EIT, filwaqt li jqisu l-pjan strateġiku u d-direzzjonijiet strateġiċi tal-EIT stabbiliti fl-ASI u mill-Bord ta' Tmexxija. B'mod partikolari, il-KKI għandhom:¹⁴
- (a) jistabbilixxu arranġamenti ta' governanza interni li jirriflettu t-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni oġhla, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (b) jiżguraw u jippromwovu l-attitudni miftuħa tagħhom permezz ta' kriterji ta' adeżjoni ċari u trasparenti, inkluż permezz ta' sejħiet miftuħa, lill-organizzazzjonijiet sħab ġodda potenzjali kollha madwar l-Unjoni li jżidu l-valur tas-sħubija;¹⁵
 - (c) jaħdmu b'mod miftuħ u trasparenti;
 - (d) jistabbilixxu u jimplimentaw il-pjanijiet ta' negozju tal-KKI;
 - (e) jistabbilixxu u jimplimentaw strateġiji għall-kisba tas-sostenibbiltà finanzjarja.
3. Ir-relazzjoni bejn l-EIT u kull KKI għandha tkun ibbażata fuq ftehimiet qafas ta' sħubija, ftehimiet ta' għotja jew, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(4), memoranda ta' kooperazzjoni.

¹⁴ BG: skrutinju

¹⁵ CZ, LT, LV, MT, PT, SI, SK: skrutinju

Artikolu 8

Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

Għandhom japplikaw ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni [...] **ta' Orizzont Ewropa**.
B'deroga minn dawk ir-regoli:

- (a) il-kondizzjonijiet minimi biex tiġi ffurmata KKI huma stabbiliti fl-Artikolu 9(3) u (4) ta' dan ir-Regolament;
- (b) regoli speċifiċi dwar is-sjieda, id-drittijiet tal-aċċess, l-isfruttament u d-disseminazzjoni għall-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI.

Artikolu 9

L-għażla tal-KKI

1. Sħubija għandha tintgħażel u tinġatar mill-EIT biex issir KKI wara proċedura kompetittiva, miftuħa u trasparenti. Għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet u l-kriterji **ta' Orizzont Ewropa** [...], kif ukoll għall-għażla ta' sħubijiet Ewropej. Il-Bord tat-Tmexxija tal-EIT jista' jispeċifika aktar dawk il-kriterji, billi jadotta u jippubblika kriterji għall-għażla tal-KKI bbażati fuq il-prinċipji tal-eċċellenza u tar-relevanza għall-innovazzjoni.
2. L-EIT għandu jniedi l-għażla u n-nomina tal-KKI skont l-oqsma ta' prijorità u l-iskeda ta' żmien definiti fl-ASI, b'kont meħud tal-prijoritajiet kif definiti fl-ippjanar strateġiku ta' **Orizzont Ewropa** [...].
3. Il-kondizzjoni minima biex tiġi ffurmata KKI hi l-parteċipazzjoni ta' mill-anqas tliet organizzazzjonijiet sħab indipendenti, stabbiliti f'mill-anqas tliet Stati Membri differenti.

4. Minbarra l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3, mhux inqas minn żewġ terzi tal-organizzazzjonijiet sħab li jiffurmaw KKI għandhom ikunu stabbiliti fl-Istati Membri. Kull KKI għandu jkollha mill-inqas istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla waħda, organizzazzjoni waħda tar-riċerka u kumpanija privata waħda.
5. L-EIT għandu jadotta u jippubblika l-kriterji u l-proċeduri għall-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KKI qabel it-tnedija tal-proċedura tal-għażla għall-KKI ġodda. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jiġi infurmat minnufih dwarhom.

Artikolu 10

Il-prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-KKI

L-EIT għandu, abbażi tal-indikaturi u dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ stabbiliti, fost l-oħrajn, [...] **f'Orizzont Ewropa** u fl-ASI, u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet esterni minn żmien għal żmien tal-kisbiet, ir-riżultati u l-impatt ta' kull KKI. Fil-kuntest ta' tali monitoraġġ u evalwazzjoni, l-EIT għandu jimmonitorja l-progress tal-KKI lejn is-sostenibbiltà finanzjarja, il-kosteffiċjenza, u attitudni miftuħa għal membri ġodda. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ u ta' dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jiġu rappurtati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandhom isiru pubbliċi.

Artikolu 11

It-tul ta' żmien, il-kontinwazzjoni u t-tmiem ta' ftehim qafas ta' sħubija

1. B'deroga mill-Artikolu 130(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju, l-EIT jista' jistabbilixxi ftehim qafas ta' sħubija ma' KKI għal perijodu inizjali ta' seba' snin.

- 1.a Abbażi tal-monitoraġġ annwali tal-KKI, skont l-Artikolu 10, l-EIT taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija għandu jħejji rieżamijiet interim tal-prestazzjoni u l-attivitajiet tal-KKI li jkopru l-ewwel tliet snin tal-ftehim qafas ta' sħubija u, fil-każ tal-estensjoni, tliet snin wara l-estensjoni tiegħu.
2. Soġġett għal prestazzjoni pożittiva, ir-rieżami interim u l-eżitu ta' analiżi komprensiva bl-appoġġ ta' esperti esterni qabel l-iskadenza tal-perijodu inizjali ta' seba' snin, u wara li jikkonsulta l-Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi li jestendi l-ftehim qafas ta' sħubija ma' KKI lil hinn minn dak il-perijodu inizjali għal perijodu ieħor ta' mhux aktar minn seba' snin jew iwaqqaf il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT u ma jestendix il-ftehim qafas ta' sħubija. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis b'mod partikolari l-kriterji [...] **ta' Orizzont Ewropa** għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej, il-kisba tal-miri stabbiliti mill-KKI innifisha, l-isforzi ta' koordinazzjoni tal-KKI ma' inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni rilevanti oħra, il-livell miksub ta' sostenibbiltà finanzjarja ta' KKI, il-kapaċità tagħha li tiżgura attitudni miftuħa għal membri ġodda u l-kisba tagħha biex tiġbed membri ġodda, fil-limiti tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 20, il-valur miżjud tal-UE u r-rilevanza fir-rigward tal-oġġettivi tal-EIT.
3. Jekk il-monitoraġġ, ir-rieżamijiet interim jew il-valutazzjoni komprensiva ta' KKI juru progress inadegwat f'oqsma msemmija fl-Artikolu 10 jew nuqqas ta' valur miżjud Ewropew, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu l-miżuri korrettivi xierqa, fosthom it-tnaqqis, il-modifika jew l-irtirar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT jew it-tmiem tal-ftehim qafas ta' sħubija.
4. Soġġett għall-eżitu ta' analiżi finali qabel l-iskadenza tal-ftehim qafas ta' sħubija estiż, l-EIT jista' jikkonkludi memorandum ta' kooperazzjoni ma' KKI.

Artikolu 12

Lawrji u diplomi

1. Il-lawrji u d-diplomi relatati mal-attivitajiet tal-edukazzjoni ogħla msemminj fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1) għandhom jingħataw minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla parteċipanti skont ir-regoli u l-proċeduri ta' akkreditazzjoni nazzjonali. Il-ftehimiet qafas ta' sħubija kuntrattwali u l-ftehimiet tal-għotja kuntrattwali bejn l-EIT u l-KKI għandhom jipprevedu li dawn il-lawrji u d-diplomi jistgħu wkoll jiġu indikati bħala lawrji u diplomi tal-EIT.
2. L-EIT għandu jhegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla parteċipanti biex:
 - (a) jagħtu lawrji u diplomi konġunti jew multipli, li jkunu jirriflettu n-natura integrata tal-KKI. Madankollu, dawn jistgħu jingħataw ukoll minn istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla waħda;
 - (b) ixerrdu l-aqwa prassi dwar kwistjonijiet orizzontali;
 - (c) iqisu:
 - (i) l-azzjoni tal-Unjoni meħuda skont l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat;
 - (ii) l-azzjoni meħuda fil-kuntest tal-Qasam Ewropew tal-Edukazzjoni Ogħla.

Artikolu 13¹⁶

L-indipendenza operazzjonali tal-EIT u l-konsistenza mal-azzjoni tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew intergovernattivi

1. L-EIT għandha twettaq l-attivitajiet tagħha indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-pressjonijiet esterni, filwaqt li tkun konsistenti permezz tal-koordinazzjoni ma' azzjoni u strumenti oħrajn li għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

¹⁶ DK, SI: skrutinju

3. L-EIT għandu wkoll ifittex sinerġiji u komplementarijiet billi jqis kif xieraq il-politiki u l-inizjattivi fil-livelli reġjonali, nazzjonali u intergovernattivi biex iħaddem l-aqwa prassi, il-kunċetti stabbiliti sew u r-riżorsi eżistenti.

Artikolu 14

L-istatus legali

1. L-EIT għandu jkun korp tal-Unjoni u għandu jkollu personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, dan għandu jeżerċita l-aktar kapaxxijiet ġuridiċi estensivi possibbli mogħtija lill-persuni ġuridiċi skont il-liġi nazzjonali. B'mod partikolari, dan għandu jkun jista' jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jkun parti fi proċedimenti legali.
2. Il-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-EIT.

Artikolu 15

Ir-responsabbiltà

1. L-EIT għandu jkun responsabbli unikament milli jħares l-obbligi tiegħu.
2. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-EIT għandhom jirregolawha d-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti u l-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni skont kwalunkwe klawnsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż mill-EIT.
3. Fil-każ tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-EIT għandu jagħmel tajjeb, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għal kull ħsara li jikkaġuna jew li jikkaġunaw l-impjegati tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni f'kull tilwima relatata ma' kumpens għal din il-ħsara.

4. Kull ħlas mill-EIT li jkopri r-responsabbiltà msemija fil-paragrafi 2 u 3 u l-ispejjeż imġarba b'rabta magħha għandhom jitqiesu bħala nefqa tal-EIT u għandhom jiġu koperti mir-riżorsi tal-EIT.
5. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fl-azzjonijiet miġjuba kontra l-EIT skont il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikoli 263 u 265 tat-Trattat.

Artikolu 16

Trasparenza u aċċess għad-dokumenti

1. L-EIT u l-KKI għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza. B'mod partikolari, l-EIT u l-KKI għandhom jistabbilixxu sit web aċċessibbli, mingħajr ħlas li jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom u l-opportunitajiet li jipprovdu.
 - 1.a Informazzjoni dettaljata dwar il-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u r-risultati mis-sejthiet għal proposti kollha maħruġa mill-EIT jew mill-KKI tiegħu għandha tkun disponibbli fil-ħin u tkun aċċessibbli fil-bażi ta' data komuni [...] **ta' Orizzont Ewropa**.
2. L-EIT għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli finanzjarji speċifiċi tiegħu msemija fl-Artikolu 22(1) u l-kriterji dettaljati għall-għażla tal-KKI imsemija fl-Artikolu 9 qabel ma jinħarġu s-sejthiet għal proposti għall-għażla tal-KKI.
3. L-EIT għandu jippubblika mingħajr dewmien id-dokument uniku tal-programmazzjoni tiegħu u r-rapport ta' annwali konsolidat tal-attivitajiet tiegħu msemija fl-Artikolu 18.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5 u 6, l-EIT ma għandux jiżvela lil partijiet terzi xi informazzjoni kunfidenzjali li jkun irċieva u li għaliha jkun intalab, u jkun ġustifikat, trattament kunfidenzjali.
5. Il-membri tal-korpi tal-EIT għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' kunfidenzjalità msemmi fl-Artikolu 339 tat-Trattat.

L-informazzjoni miġbura mill-EIT f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.

6. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-EIT.
7. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958¹⁹ għandu japplika għall-EIT. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-EIT għandhom jingħataw miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/1994²⁰.

Artikolu 17

L-iffinanzjar tal-KKI

1. Il-KKI għandhom jiġu ffinanzjati, b'mod partikolari, mis-sorsi li ġejjin:
 - (a) kontribuzzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet sħab, bħala sors sostanzjali ta' finanzjament;
 - (b) kontribuzzjonijiet volontarji mingħand l-Istati Membri, pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi fi ħdanhom;
 - (c) kontribuzzjonijiet mingħand entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;
 - (d) dħul iġġenerat mill-assi proprji u l-attivitajiet tal-KKI stess u mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/1994 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

- (e) dotazzjonijiet ta' kapital;
 - (f) wirt, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet mingħand individwi, istituzzjonijiet, fondazzjonijiet jew xi entitajiet oħrajn stabbiliti skont il-liġi nazzjonali;
 - (g) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT;
 - (h) strumenti finanzjarji, inkluż dawk iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
2. Il-modalitajiet tal-aċċess għall-finanzjament mill-EIT għandhom jiġu ddefiniti fir-regoli finanzjarji tal-EIT imsemmija fl-Artikolu 22(1).
 3. L-impenji baġitarji għall-azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqas fuq diversi snin f'pagamenti annwali, soġġetti għal monitoraġġ xieraq tal-bżonnijiet finanzjarji stmati tal-KKI li jridu jiġu stabbiliti fuq bażi annwali.
 4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lill-KKI tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KKI fil-fażijiet inizjali tat-terminu tal-KKI. Din il-kontribuzzjoni għandha tonqos gradwalment maż-żmien b'konformità mar-rati ta' finanzjament iddefiniti fl-ASI.
 5. Il-KKI jew l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom jistgħu japplikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni, skont ir-regoli rispettivi tagħhom. F'dak il-każ, din il-kontribuzzjoni ma għandhiex tkopri l-istess spejjeż li jkunu diġà ġew iffinanzjati permezz ta' programm ieħor tal-Unjoni.
 6. Il-kontribuzzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet sħab biex jiffinanzjaw il-KKI għandhom jiġu determinati f'konformità mar-rati ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u jkunu jirriflettu l-istrateġija tal-KKI għall-kisba tas-sostenibbiltà finanzjarja.

7. L-EIT għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' allokkazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni biex jagħti l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lill-KKI. Dan għandu jinkludi l-valutazzjoni tal-pjanijiet u l-prestazzjoni tan-negozju tal-KKI kif imkejla minn monitoraġġ kontinwu f'konformità mal-Artikolu 10 u kif deskritt fl-ASI.

Artikolu 18

Programmazzjoni u rappurtar

1. L-EIT għandu jadotta dokument uniku tal-programmazzjoni ibbażat fuq l-ASI, skont ir-regoli finanzjarji tiegħu, li jkun fih dan li ġej:
 - (a) dikjarazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin u l-inizjattivi ppjanati tal-EIT u tal-KKI;
 - (b) stima tal-ħtiġijiet u s-sorsi finanzjarji;
 - (c) indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-KKI u tal-EIT, bl-użu ta' approċċ orjentat lejn l-impatt;
 - (d) komponenti oħra kif stabbiliti fir-regoli finanzjarji tiegħu.
2. L-EIT għandu jadotta rapport annwali konsolidat tal-attivitajiet, li għandu jinkludi informazzjoni komprensiva dwar l-attivitajiet li wettqu l-EIT u l-KKI tul is-sena kalendarja preċedenti u dwar il-kontribut tal-EIT għall-oġettivi [...] **ta' Orizzont Ewropa**, u għall-politiki u l-oġettivi tal-Unjoni għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni. Dan għandu wkoll jivvaluta r-riżultati fir-rigward tal-oġettivi, l-indikaturi u l-iskeda taż-żmien stabbiliti, ir-riskji assoċjati mal-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali tal-EIT. Ir-rapport annwali konsolidat tal-attività għandu jinkludi informazzjoni komprensiva ulterjuri skont ir-regoli finanzjarji tal-EIT.

Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-EIT

1. L-EIT għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inkluż dawk immexxija permezz tal-KKI, għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ sistematiku u kontinwu u għal evalwazzjoni perjodika indipendenti skont ir-regoli finanzjarji tiegħu, biex ikunu żgurati eżitu tal-aqwa kwalità, eċċellenza xjentifika u l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. L-eżiti tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għal evalwazzjonijiet tal-EIT bl-għajnuna ta' esperti indipendenti esterni magħżula abbażi ta' proċess trasparenti skont ir-regoli finanzjarji tiegħu. Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif l-EIT jaqdi l-missjoni tiegħu u jikseb l-oġettivi tiegħu, ikopru l-attivitajiet kollha tal-EIT u tal-KKI u jivvalutaw il-valur miżjud Ewropew tal-EIT, l-impatt fl-Unjoni kollha, attitudni miftuħa, l-effikaċja, is-sostenibbiltà, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-attivitajiet imwettqa u l-koerenza u/jew il-komplimentarjetà tagħhom mal-politiki rilevanti kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni, inkluż sinerġiji ma' partijiet oħrajn [...] **ta' Orizzont Ewropa**. Dawn għandhom iqisu l-fehmiet tal-partijiet kkonċernati, kemm fil-livell Ewropew u nazzjonali u jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet tal-programmi tal-Kummissjoni previsti [...] **f'Orizzont Ewropa**.
3. Il-Kummissjoni tista' twettaq evalwazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti esterni magħżula bi proċess trasparenti, biex teżamina l-progress li għamel l-EIT fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aqwa prassi. Billi twettaq dawn l-evalwazzjonijiet ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-sħiħ l-impatt amministrattiv fuq l-EIT u l-KKI.

²¹ DE, DK, MT, PT, SI; skrutinju

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunikar-riżultati tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkoll il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet fil-programmi u l-operazzjonijiet tal-EIT.

Artikolu 20

Il-baġit tal-EIT

1. Id-dħul tal-EIT għandu jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-Unjoni. Id-dħul tal-EIT jista' jinkludi wkoll kontribuzzjoni mingħand sorsi pubbliċi u privati oħra.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tingħata permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja [...] **minn Orizzjoni Ewropa** stabbilita għal [EUR 3 000 000 000] matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. L-EIT jista' jirċievi riżorsi finanzjarji addizzjonali minn programmi oħra tal-Unjoni.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT għall-KKI għandha tingħata mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 21

Tħejjija u adożżjoni tal-baġit annwali

1. Il-kontenut u l-istruttura tal-baġit tal-EIT għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli finanzjarji tiegħu. In-nefqa tal-EIT għandha tinkludi l-ispejjeż għall-persunal, amministrattivi, infrastrutturali u operattivi. In-nefqa amministrattiva għandha tinżamm minima. Għandu jkun hemm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq.
2. Id-Direttur għandu jfassal stima tad-dħul u tan-nefqa tal-EIT għas-sena finanzjarja sussegwenti u għandu jgħaddiha lill-Bord tat-Tmexxija.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tal-istima tad-dħul u tan-nefqa tal-EIT, flimkien ma' abbozz ta' pjan tal-istabbiliment, u jgħaddihom bħala parti mid-dokument uniku tal-programmazzjoni sad-data speċifikata fir-regoli finanzjarji tal-EIT lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-baġit tal-EIT, li għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Meta xieraq, dan għandu jiġi aġġustat skont dan.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinnotifika mill-aktar fis possibbli lill-awtorità baġitarja dwar l-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tal-EIT, b'mod partikolari il-proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proprjetà bħall-kiri jew ix-xiri tal-bini. Dan għandu jinforma kif xieraq lill-Kummissjoni.
6. Kull modifika sostanzjali tal-baġit għandha ssegwi l-istess proċedura.

Artikolu 22

Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit

1. L-EIT għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skont l-Artikolu 70(3) tar-Regolament Finanzjarju. Għandha tiġi kkunsidrata kif xieraq il-ħtieġa għal flessibbiltà operattiva xierqa biex l-EIT ikun jista' jikseb l-oġettivi tiegħu u jattira u jżomm is-sħubiji fis-settur privat.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT [...] **minn Orizzont Ewropa** u minn programmi oħra tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-regoli ta' dawk il-programmi.
3. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit tal-EIT.
4. Il-kontijiet tal-EIT għandhom jiġu kkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni.

Artikolu 23

[Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni]

1. Bil-ksieb li jkunu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u atti illegali oħra, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² għandu japplika fir-rigward tal-EIT fl-intier tiegħu.
2. L-EIT għandu jaderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)²³. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jifformalizza din l-ażerjoni u jadotta l-miżuri meħtieġa biex jgħin lill-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet interni.]

Artikolu 24

Ix-xoljiment tal-EIT

Fil-każ tax-xoljiment tal-EIT, il-likwidazzjoni tiegħu għandha ssir bis-superviżjoni tal-Kummissjoni skont il-liġijiet applikabbli. Il-ftehimiet qafas ta' sħubija jew il-ftehimiet tal-għotjiet mal-KKI għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa f'din is-sitwazzjoni.

Artikolu 25

L-Istatuti

L-Istatuti tal-EIT huma stabbiliti fl-Anness I.

²² Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

²³ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

Artikolu 26

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 hu mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehimu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS I*Statuti tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija***TAQSIMA 1*****KOMPOŻIZZJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA***

1.²⁴ Meta jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaġixxi taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-missjoni u l-oġġettivi tal-EIT.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn 15-il membru, maħtur mill-Kummissjoni, li fosthom ikun hemm bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju, fl-edukazzjoni oġġla u fir-riċerka. Il-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ta' erba' snin. Il-Kummissjoni tista' testendi dak il-mandat darba b'sentejn fuq proposta tal-Bord tat-Tmexxija.

Fejn meħtieġ, il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista ta' kandidati bl-iskop li jinħatru bħala membru jew membri ġodda. Il-kandidati magħżula għandhom jintgħażlu abbażi tar-risultat ta' proċedura trasparenti u miftuħa varata mill-EIT.

Il-Kummissjoni għandha żżomm kont tal-bilanċ bejn l-edukazzjoni għolja (inkluż l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ), ir-riċerka, l-innovazzjoni u n-negozju kif ukoll tal-bilanċ bejn is-sessi u dak ġeografiku u apprezżament tal-ambjenti tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri jew membri u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess tal-għażla u tal-ħatra finali ta' dawk il-membri tal-Bord tat-Tmexxija.

²⁴ FR, HU: skrutinju

F'każ li membru ma jkunx jista' jibqa' sat-tmien tal-mandat tiegħu, għandu jinħatar membru sostitut permezz tal-istess proċedura bħal dik tal-membri li ma jistax ikompli l-mandat sabiex ikompli bil-mandat ta' dan tal-aħħar. Membru sostitut li jkun serva għal perijodu ta' inqas minn sentejn jista' jinħatar mill-ġdid mill-Kummissjoni għal perijodu addizzjonali ta' erba' snin fuq talba tal-Bord tat-Tmexxija.

Il-Kummissjoni għandha taħtar tliet membri addizzjonali fil-Bord tat-Tmexxija biex fi żmien tmintax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament isiru 15-il membru. Il-membri tal-Bord maħtura qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jikkompletaw il-mandat tagħhom li ma jiġġeddidx.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati kif dovut, speċjalment bil-ħsieb li żżomm l-integrità tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni tista' twaqqaf il-mandat ta' membru tal-Bord, fuq inizzjattiva tagħha stess.

2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess tal-EIT, jissalvagwardjaw il-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu, b'mod indipendenti u trasparenti.

TAQSIMA 2

RESPONSABBILTAJEIT TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija, fit-tħaddim tar-responsabbiltà tiegħu li jmexxi u jissorvelja l-attivitajiet tal-EIT, għandu jieħu deċiżjonijiet strateġiċi, b'mod partikolari:
 - (a) jadotta l-kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni (ASI) tal-EIT;
 - (b) jadotta d-dokument uniku tal-programmazzjoni tal-EIT, il-baġit, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ konsolidati u r-rapport annwali tal-attivitajiet;

- (c) jadotta kriterji sodi u proċeduri ċari u trasparenti, għal finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-KKI, inkluż id-deċizzjoni dwar l-allokazzjoni massima tal-kontribuzzjoni ta' finanzjament tal-EIT għalihom, bil-ħsieb li jiġi implimentat il-pjan tan-negożju rilevanti tal-KKI u li jinkisbu l-oġettivi deskritti fl-ASI, u f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, inkluż il-progress tagħhom fil-kisba ta' sostenibbiltà finanzjarja;
- (d) jadotta l-proċedura ta' għażla tal-KKI, skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament u l-ASI;
- (e) jagħżel u jaħtar sħubija bħala KKI jew jirtira l-ħatra fejn;
- (f) jawtorizza lid-Direttur biex iħejji, jinnegożja u jikkonkludi l-ftehimiet qafas ta' sħubija u l-ftehimiet ta' għotjiet mal-KKI;
- (fa) jawtorizza lid-Direttur iħejji u jinnegożja Memoranda ta' Kooperazzjoni mal-KKI u, wara li jkun eżamina l-Memoranda negożjati, jawtorizza lid-Direttur jikkonkludihom;
- (g) jawtorizza lid-Direttur jestendi l-ftehimiet qafas ta' sħubija mal-KKI lil hinn mill-perijodu inizjali stabbilit, soġġett għall-eżitu sodisfaċenti tal-valutazzjoni komprensiva, kif deskritt fl-ASI, u f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, qabel l-iskadenza ta' dan il-perijodu f'konformità mal-Artikolu 11;
- (h) jawtorizza lid-Direttur iħejji, jinnegożja u jikkonkludi ftehimiet ta' għotjiet ma' entitajiet ġuridiċi oħra;
- (i) jadotta proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi, effiċjenti, trasparenti u kontinwi, inkluż għabra tajba ta' indikaturi f'konformità mal-Artikoli 10, 11, 18 u 19 ta' dan ir-Regolament, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom mid-Direttur;

- (j) jieħu miżuri korrettivi xierqa fir-rigward ta' KKI li l-prestazzjoni tagħhom tkun dgħajfa, inkluż it-tnaqqis, il-modifika jew l-irtirar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lill-KKI jew it-tmiem tal-ftehimiet qafas ta' sħubija magħhom, abbażi tal-monitoraġġ u r-riżultati tal-valutazzjoni, f'konformità mal-oġettivi tal-EIT u tal-KKI u l-Artikoli 10, 11 u 17 ta' dan ir-Regolament;
- (ja) iħeġġeġ lill-KKI biex jadottaw mudelli operattivi għal attitudni miftuħa lejn organizzazzjonijiet sħab ġodda;
- (k) jippromwovi l-EIT madwar l-Unjoni u d-dinja, sabiex iżid l-attrattività tagħha, u għal dan l-iskop jawtorizza lid-Direttur biex jiffirma memoranda ta' qbil ma' Stati Membri, pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi;
- (l) jiddeċiedi dwar it-tfassil u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa mill-KKI biex iwessgħu l-impatt tal-EIT madwar l-Unjoni għall-iżvilupp ta' kapaċità intraprenditorjali u ta' innovazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, kif ukoll edukazzjoni vokazzjonali u istituzzjonijiet ta' taħriġ fejn xieraq, u l-integrazzjoni tagħhom f'ekosistemi ta' innovazzjoni, sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet oħra ta' proċedura u operatorji neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u tal-attivitajiet tal-EIT, b'mod partikolari:

- (a) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, daww għall-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll ir-regoli finanzjarji speċifiċi tal-EIT;
- (aa) jiddelega kompiti speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv;
- (b) jiddefinixxi l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv, li għandhom jitqabblu ma' remunerazzjoni simili fl-Istati Membri;
- (c) jadotta proċedura għall-għażla tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;

- (d) jaħtar id-Direttur u jekk meħtieġ jestendi l-mandat tiegħu jew inehħih mill-kariga, skont it-Taqsima 5;
 - (e) jaħtar l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;
 - (f) jadotta kodiċi tal-imġiba tajba dwar il-kunflitti ta' interess;
 - (g) jistabbilixxi, fejn xieraq, gruppi konsultattivi li [...]għandu jkollhom objettiv, kompiti u tul ta' żmien definiti;
 - (h) jistabbilixxi Funzjoni ta' Awditjar Intern skont ir-regoli finanzjarji tal-EIT;
 - (i) jiddeċiedi dwar il-lingwa ta' ħidma tal-EIT filwaqt li jqis il-prinċipji eżistenti dwar il-multilingwiżmu u r-rekwiżiti prattiċi tal-operat tiegħu;
 - (j) ifassal laqgħa annwali ta' livell għoli mal-KKI;
 - (k) jirrapporta dwar il-kooperazzjoni tal-KKI ma' sħubijiet Ewropej oħra.
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68²⁵, b'rabta mal-persunal tal-EIT u l-kundizzjonijiet tal-impjegi tiegħu, b'mod partikolari:
- (a) jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni biex ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra jidħlu fis-seħħ, skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
 - (b) f'konformità mal-punt (c), jeżerċita s-setgħat li jingħataw permezz tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-Awtorità tal-Ħatra u permezz tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra dwar l-Awtorità Mogħtija s-Setgħa li Tikkonkludi Kuntratt ta' Impjeg ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

²⁵ ĠU L 56, 4.3, 1968, p. 1.

- (c) f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jadottaw deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra, li tiddelega s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra rilevanti lid-Direttur u li tiddefinixxi l-kondizzjonijiet li skonthom din id-delega tas-setgħat tkun tista' tiġi sospiżta. Id-Direttur għandu jkun awtorizzat jissottodelega dawn is-setgħat;
- (d) jadotta deċiżjoni biex, f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur u lil dawk sottodelegati minn tal-aħħar u li jeżerċitahom huwa stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li ma jkunx id-Direttur.

TAQSIMA 3

FUNZJONAMENT TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu. Il-mandat tal-President għandu jkun għal sentejn, li jista' jiġġedded darba.
2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot, iżda l-qbil tiegħu għandu jkun rikjest skont il-paragrafu 5. Għandu jkollu d-dritt li jissuġġerixxi l-punti tal-aġenda tal-Bord tat-Tmexxija.
3. Id-Direttur għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot.

Madankollu, id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-punti (a), (b), (c), (d), u (l) tat-Taqsima 2(1) u tal-punti (d) u (i) tat-Taqsima 2(2), kif ukoll taħt il-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima għandhom ikunu jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu li għandhom id-dritt li jivvutaw.

5. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija taħt il-punti (c), (e), (g), (i) u (k) tat-Taqsima 2(1), il-punt (b) tat-Taqsima 2(2) u l-punt (a) tat-Taqsima 2(3) għandhom ikunu jeħtieġu l-ftehim tal-Kummissjoni, espress permezz tar-rappreżentant fil-Bord tat-Tmexxija.²⁶
- 5a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jitlob l-opinjoni tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-estensjoni jew it-tmiem tal-ftehimiet qafas ta' sħubija mal-KKI f'konformità mal-punti (g) u (j) tat-Taqsima 2(1), u dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni ma' KKI f'konformità mal-punt (fa) tat-Taqsima 2(1).
6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-anqas erba' darbiet fis-sena u f'sessjoni straordinarja meta jitlaqqa' mill-President tiegħu jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri kollha tiegħu jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

TAQSIMA 4

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jassisti lill-Bord tat-Tmexxija fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.
2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn ħames membri, inkluż il-President tal-Bord tat-Tmexxija, li għandu jippresiedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv. L-erba' membri appartgħu l-President għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, sabiex ikun hemm bilanċ bejn daww b'esperjenza fin-negozju, daww b'edukazzjoni oġħla u daww b'esperjenza fir-riċerka. Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ta' sentejn, u jiġġedded darba.
3. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jħejji l-laqqgħat tal-Bord tat-Tmexxija f'kooperazzjoni mad-Direttur.
4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jitlob lill-Kumitat Eżekuttiv biex iwettaq superviżjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija.

²⁶ HU: skrutinju

5. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jħejji d-diskussjoni u l-adozzjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-abbozz tal-kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI. Barra minn hekk, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jħejji d-diskussjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-abbozz tad-dokument uniku tal-programmazzjoni, l-abbozz tar-rapport konsolidat annwali tal-attivitajiet, il-baġit annwali u l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ qabel ma jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija.
6. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiġu adottati abbażi tal-maġġoranza tal-membri preżenti. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.
7. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt li jissuġġerixxi l-punti tal-aġenda tal-Kumitat Eżekuttiv.
8. Id-Direttur għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv, mingħajr ma jkollu d-dritt tal-vot.
9. Il-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jaġixxu fl-interess tal-EIT, sabiex iħarsu l-għanijiet u l-missjonijiet, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu, b'mod indipendenti u trasparenti. Għandhom jirrappurtaw lill-Bord tat-Tmexxija regolarment dwar id-deċiżjonijiet addottati u l-kompiti assenjati lilhom mill-Bord tat-Tmexxija.

TAQSIMA 5

ID-DIRETTUR

1. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-EIT. Id-Direttur għandu jkun membru tal-persunal tal-EIT u għandu jiġi impjegat bħala aġent temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

2. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija minn fost lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara li tkun saret proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Bil-għan li jiġi konkluż il-kuntratt mad-Direttur, l-EIT għandu jiġi rrappreżentat mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.
3. Il-mandat tad-Direttur għandu jkun ta' erba' snin. Il-Bord tat-Tmexxija, meta jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni li tqis l-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tad-Direttur u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-EIT, jista' jestendi dak il-mandat darba għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn. Direttur li l-mandat tiegħu ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura tal-għażla oħra għall-istess pożizzjoni.
4. Id-Direttur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu biss b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jkun qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni.
5. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet u għall-ġestjoni ta' kuljum tal-EIT u għandu jkun ir-rappreżentanza legali tiegħu. Id-Direttur għandu jagħti rendikont lill-Bord tat-Tmexxija u jgħaddilu rapporti fuq bażi regolari dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-EIT u l-attivitajiet kollha li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu.
6. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:
 - (a) jorganizza u jmexxi l-attivitajiet tal-EIT;
 - (b) jgħin lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv f'f'idmiethom, jipprovdi s-segretarjat għal-laqgħat tagħhom u jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiet;
 - (c) jappoġġa lill-Bord tat-Tmexxija fit-tnejn tal-kontribut tal-EIT għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-ASI;
 - (d) iħejji l-abbozz tad-dokument uniku tal-programmazzjoni, l-abbozz konsolidat tar-rapport annwali tal-attivitajiet u l-abbozz tal-baġit annwali biex jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija;

- (e) iħejji u jamministra l-proċedura tal-għażla għall-KKI u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv, bis-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Rapport dettaljat tal-proċess ta' għażla għandu jiġi meħmuż mar-rapport konsolidat annwali tal-attivitajiet;
- (f) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi, bl-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ftehimiet qafas ta' sħubija u ftehimiet tal-għotjiet mal-KKI;
- (fa) iħejji u jinnegozja Memoranda ta' Kooperazzjoni mal-KKI u, soġġett għall-approvazzjoni finali mill-Bord tat-Tmexxija, jikkonkludihom f'konformità mat-Taqsima 2(1)fa tal-Istatuti;
- (g) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi, bi qbil mal-Bord tat-Tmexxija, ftehimiet tal-għotjiet ma' entitajiet ġuridiċi oħra;
- (h) jorganizza l-laqgħat tal-Forum tal-Partijiet Konċernati u tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri u jiżgura l-komunikazzjoni effettiva magħhom, bis-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;
- (i) jiffirma, bl-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, memoranda ta' qbil ma' Stati Membri, pajjiżi assoċjati jew terzi, bil-għan li jippromwovi l-EIT mad-dinja kollha;
- (j) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi ta' monitoraġġ, valutazzjoni u evalwazzjoni marbuta mal-prestazzjoni tal-KKI f'konformità mat-Taqsima 2.1 punt (i), bis-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;
- (k) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit tal-EIT, wara li jittieħed kont tal-parir mogħti mill-Funzjoni ta' Awditjar Intern;
- (l) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Funzjoni ta' Awditjar Intern, u sussegwentement lill-Bord tat-Tmexxija;

- (m) jiżgura li jitwettqu l-obbligi tal-EIT fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet konklużi minnu, bis-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija;
 - (n) jiżgura komunikazzjoni effettiva mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bis-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Barra minn hekk, jinforma lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri bir-riżultati tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni, u jibgħat l-opinjoni tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri lill-Bord tat-Tmexxija;
 - (o) jaġixxi fl-interess tal-EIT, jissalvagwardja l-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.
7. Id-Direttur għandu jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li jingħatalu mill-Bord tat-Tmexxija u li jaqa' fir-responsabbiltà tiegħu.

TAQSIMA 5a

GRUPP TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-ISTATI MEMBRI

1. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu:
 - a) jaġhti pariri lill-EIT u lill-KKI u jaqsam l-esperjenza magħhom;
 - b) jaġhti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar kwistjonijiet strateġikament importanti;
 - c) jaġhti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur dwar l-estensjoni jew it-terminazzjoni tal-ftehimiet qafas ta' sħubija mal-KKI u dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni ma' KKI, f'konformità mat-Taqsima 3(5a).
2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri għandu jkun infurmat b'mod regolari u jaġhti fehmiet dwar il-prestazzjoni, il-kisbiet u l-attivitajiet tal-EIT u tal-KKI, dwar ir-riżultati ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni u dwar il-miżuri korrettivi.

TAQSIMA 6

IL-PERSUNAL TAL-EIT U ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI

1. Il-persunal tal-EIT għandu jkun magħmul minn persuni impjegati direttament mill-EIT. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra u r-regoli addottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u t-tqegħid fis-seħħ tagħhom għandhom japplikaw għall-persunal tal-EIT.
 2. Jistgħu jiġu ssekondati Esperti Nazzjonali esperti għal perijodu limitat, mal-EIT. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti ssekondati nazzjonali jaħdmu mal-EIT u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.
-